**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 35**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta, 18 ta’ Ottubru 2021, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta’ *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku *(online)*
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier *(online)*
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Daniel Ablett – Kunsillier *(online)*
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

## 35.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Proġett Ġnien de la Cruz**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nħarġet il-BOQ għall-proġett ta' Ġnien De la Cruz, liema proġett jiswa madwar € 1.2Million u se jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali. Is-Sindku nfurma li jidher li hemm problema mal-Awtorita' tal-Artijiet għaliex jidher li d-devoluzzjoni tal-ġnien skadiet. Is-Sindku ssuġġerixxa li jintbagħat komunikat lill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali fejn jinfurmah li nqalgħet din is-sitwazzjoni u jsir co-ordination bejn il-ministeri rispettivi.

Is-Sindku nfurma wkoll li l-Ministeru għall-Ekonomija tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-art ta' Triq is-Sienja, fejn infurma li din l-art mhiex devoluta lill-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill qatt ma kellu jipproponi proġett fuq din l-art. Is-Sindku nfurma li din l-art dejjem ħa ħsiebha l-Kunsill Lokali, fejn jidħol tindif u żbir ta' siġar u ma kellux informazzjoni li din l-art ma kinitx devoluta lill-Kunsill.

Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt kif hawn bosta artijiet li huma tal-Awtorita' tal-Artijiet, li jinsabu fi stat ta' telqa u abbandun u jkun aktar opportun jekk il-Ministeru jagħmel proġett fihom u jagħti l-approvazzjoni lill-Kunsill biex iwettaq il-proġetti li jixtieq kemm fi Vjal de la Cruz kif ukoll fi Triq is-Sienja.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma' l-istat ħażin li jinsab fih il-passaġġ bejn il-Qormi Hockey Club u l-fabbrika ta' Nylon Knitting, fejn minkejja li dan il-passaġġ jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Awtoritajiet Ċentrali, ħadd ma jrid jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li tintalab stima lill-Perit tal-Kunsill sabiex isir konkos fil-passaġġ, jiżdied id-dawl u jittellgħu ċ-ċnut sabiex tingħata dehra aħjar taz-zona. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento rrimarka li dan il-passaġġ jintuża mir-residenti ta' Triq l-Imdina u z-zona ta' Misraħ iż-Żebbuġ, fejn ta' kuljum jaqsmu minnu għall-iskola primarja, fost oħrajn. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill jinteressah biss mill-ġid tal-poplu Qormi u jistax ikun pupu fin-nofs bejn il-Ministeri.

Il-Kunsill approva li jsiru l-istimi meħtieġa għax-xogħlijet proposti.

**Skema BELLUS**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** nfurmat li l-ġimgħa li għaddiet kellmitha l-Perit tal-Kunsill dwar pplikazzjoni tal-ERA BELLUS. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet kopja tal-proġett li qed jiġi propost iżda sa qabel is-Seduta kienet għadha ma rċeviet xejn. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li dan il-proġett għandu jkun parkeġġ u mhux ġnien ieħor. Il-Viċi Sindku Donnha

arbara qalet li jekk isir ġnien ieħor, se jkun hemm kritika kbira mir-residenti. Il-Viċi Sindku nfurmat ukoll li r-residenti qed jiġbru petition sabiex isir parkeġġ f'din iz-zona.

**Stima PABX**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li hemm problemi tekniċi bis-sistema tal-PABX tal-uffiċċju, li ilu nstallat mill-2007. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat stima għal PABX ġdid.

Il-Kunsill approva din l-istima.

**34.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta 2 ta' Novembru 2021.**

Konfermati, illum 2 ta' Novembru 2021

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |